# Il-Mosta fil-poezija - Il-Mosta Ġrajjiet u tifkiriet

**Michael A. Sant B.A., B.A. (Hons.) M.A.**

Int sabiħa Mosta tiegħi
Mhux għax Mosti nfaħħrek jien,
Isemmuk il-Maltin kollha;
Magħruf ismek kullimkien.

Jekk tħallini ingħannilek
Għanja ħelwa li tpaxxik;
Infakkrek fil-ġrajjiet tiegħek,
B'dit-taqbila li tħennik.

Ġieħ mistħoqq nixtieq jien nagħti
Lilek "Mosta", mkien ħanin,
Int imħabbti, int xenqati;
Int il-għira tal-maltin.

Ismek rabta sħiħa għandu
Ma qagħditek fin-nofs sew,
Ta' dil-gżira li tħanninna;
Din mhix ħlieqa, din tassew.

M'għedtiex jien, qaluh kittieba,
Għorrief kbar f'ħwejjeġ bħal dawn;
Nislek Għarbi lkoll jistqarru
Li l-"Mosta" ġejja minn hawn.

Sa min jiem qodma, imbiegħda
Ġnus bikrin għammru ġo fik;
Ħallew wirthom u għamarhom,
Tifkiriet ta' żmien antik.

F'Wied il-Għasel u madwaru
Żmien il-Qedem ħalla fdal;
Nies il-Ħaġar, Nies il-Bronz
Għexu fih għal sekli twal.

Ħitan tellgħu, ħaffru oqbra,
Għerien dawru f'kenn utieq;
Menirs, dolmens bnew b'tifkira;
Kollox kif dal-poplu xtieq.



Dolmen f'Wied Filep qrib il-kappella ta' Santa Margerita. Tifkira ta' żmien il-Bronż (c. 2500-c. 700 Q.K.

Biex ħitan kennija jsawru,
Biex iġorru frott u ġid,
Ħaffru raddi fondi sewwa
Ġol-blat aħrax, xogħol ta' l-id.

F'Misraħ Għonoq, Biżbiżija,
F'Xagħret Wej, f'imkien oħrajn,
Tifkiriet bikrin ħalliema;
Kullimkien jagħtu fil-għajn.



Raddi tar-roti f'Misraħ Għonoq, aktarx ta' żmien il-Bronz

Għajn jaħassra li llum iblah
Ġens modern moħħu fil-flus,
Kull fdal bikri qed jeqirdu;
Ħatja n-nies, ħatjin l-irjus.

Wara l-poplu ta' bla kitba
Ġew f'pajjizna l-Kanagħnin,
Poplu mżejjen b'seba' doni,
Poplu għaref, għaqli rżin.

Tifkirithom qajla nsibu
F'bini mtella', mqades, djar
Ħallew biss oqbra imħaffra
Ġo xi xagħra, qrib xi għar.

Kewkba tinżel u oħra titla',
Saltna twieldet, renju miel,
Ruma ħadet post Kartaġni
wara gwerer twal u ġlied.

Mitejn sena qabel Kristu
B'żieda magħhom snin tmintax,
Malta saret tar-Rumani
Iż-żmien lura ma reġax.

Billi l-Mosta hi qrib sewwa
Ta' Melita belt Rumana,
Tas-Salina post mill-oqreb
F'dal insibu hawn kotrana.

Mhux boghod wisq minn Torri Falka,
Fdal ta' bini li ż-żmien temm,
Bil-"caldarium" kien imsaħħab;
B'xorti tajba għadu hemm.

U f'Ħal Dargu nstabu kotra
Bwieqi, garar stil Ruman;
Kollha jixhdu l-ħakma tagħhom,
Fdal ieħor instab f'Ħal Mann.

Hemm min jgħid li siġar qodma
Taż-żebbuġ, xjuħ u godlija,
Jafu wkoll żmien ir-Rumani;
Tħawlu ilhom fil-Bidnija.

Tar-Rumani Biżantini
Kotra oqbra hemm fil-belt,
Katakombi fejn indifnu
Popli sħaħ li l-ġrajja rat.

Hemm ta' Bistra, qrib tat-Tarġa,
T'Għammariet mhux bogħod minn hawn,
F'Misraħ Għonoq, fil-Fortizza;
Tifkiriet mill-egħżeż dawn.

Tminn mitt sena wara Kristu,
Sebgħin oħra magħdudin,
Waslu l-għarab minn Sqallija;
Sfajna taħt il-Misilmin.

Ħal Dimekk u Raħal Pessa,
Kollha mgħammra bil-għaxriet;
Dawn l-irħula ngħaqdu u għebu
Saru l-"Mosta" b'nies mijiet.

Il-Mostin ħajjithom kienet
Sigħat twal taħt xemx u riħ;
Mitfugħin għax-xogħol tar-raba;,
Ħidma sfiqa, xogħol ta' ġieħ.

Fid-Dejma ddaħlu suldati
Ħalli jagħmlu għassa sewwa;
Jgħarrxu x-xefaq, jgħassu xtutna,
Mill-furbani, mill-għedewwa.

Stazzjonati fil-Lippija,
F'Għajn Tuffieħa, f'Burmarrad,
F'Għajn Rażul u f'naħiet oħra;
Tagħmel l-għassa niesna drat.

Kultant ħielsa mit-tbatija,
Waħdiet tawha għall-bluhat;
Dawn jixorbu, dawk jilagħbu,
Bogħod min-niket, bogħod mis-swat.

Iżda l-fidi kbira tagħhom
Qatt ma nsewha tul is-snin;
F'Wied is-Sir u nħawi oħra
Knejjes tellgħu, wisq ħelwin.



**Il-knisja ta' l-Isperanza f'Wied il-Għasel mibnija fl-1760**

Tawna ħafna s-sidien ġodda
Ismijiet ta' rħula u bliet;
Tellgħu bini, bnew irziezet;
Lill-Maltin ħakmithom swiet.

Iżda xejn ma nafu x'ġara
Ġewwa l-Mosta dak iż-żmien;
Ġrajja siekta, ġrajja kiebja
Ta' Mostin mingħajr ilwien.

Imma xi żmien sewwa wara
Rħula jfiġġu bħal tewmin,
Raħal Sir, Raħal Calleja,
Raħal Ħobla, żgħar, ħelwin.

Mogħmijin bil-fidi tagħhom
Ix-xitan dan ma ħamlux;
Darba minnhom faqqgħet waħda
Li l-Mostin żgur ma xtaqux.

Furbani ta' Barberija
Taħt Sinan Rajjes felħan;
Niżlu f'artna ħabta u sabta,
Ġrew għall-Mosta bla serħan.

F'Torri Cumbo daħlu bilġri,
Serqu xebba mill-aħjar,
Jassru 'l ħutha, jassru 'l niesha,
Għamlu ħerba, ġarrfu djar.

Biex jinfdew minn Barbarija
Il-Mostin taw deheb u flus,
Ftaqru sew u għal snin wara
Baqa' mbattal il-karus.

F'din il-qagħda l-Mostin kienu
Meta ġew il-patrijiet
Ta' San Ġwann, ħilithom kbira,
Kbarat għonja, wild l-ibliet.

Minn hemm tibda ġrajja oħra
Isbaħ u aqwa għall-Mostin;
Jekk xejn ir-raħal kiber
Fl-għadd tan-nies, fl-idejn godlin.

Fil-magħruf il-kbir Assedju
Bliet u rħula kellhom sehem;
L-Isla, Bormla, ġewwa l-Birgu
Tqatlu niesna, ġera d-demm.

Bil-għajnuna t'Alla u ommu
Il-Mostin iżgħadu sew;
Dejjem igħassu, dejjem jaħdmu,
Bil-eluf jingħaddu bdew.

Ħassew issa li kien xieraq
Li jinqatgħu min-Naxxar;
Jitgħollew f'parroċċa għalihom;
B'kobor ġmielu, b'għadd ta' djar.

Kien fi żmien l-Isqof Gargallo
Fil-bidu ta' sekklu ġdid,
Illi Dun Ġiovann Bezzina
Laħaq ragħaj, ta' l-erwieħ sid.

U ftit wara l-parruċċani
B'ħerqa kbira, bi tbatija,
Tellgħu knisja akbar, iġded,
Dedikata lil Marija.



Il-Mostin ukoll taw sehemhom
Fit-taqbid, tiġrib u ġlied;
Mustapha ġie mreġġa' lura
Ntemm l-Assedju, reġa' l-kwiet.

Bdiet il-ħajja bħal ta' qabel,
Xogħol bla heda, wisq taħbit;
Ġie Dusina, kiteb dwarna;
Żdiedu n-nies, beda t-taħlit.

Minn flaġell għaddew għal ieħor
Niesna mbiegħda il-Mostin;
Pesta faqqgħet, marda kerha,
Eluf qatlet ta' Maltin.

Tagħha għandna hawn tifkira,
Tempju ċkejken b'midfen fih;
Lil qaddisa Margerita
Il-Mostin waqqfulha b'ġieħ.

Mard qerriedi, ġuħ li jkexkex,
Għaddew minnu xi waqtiet;
Il-Mostin b'rashom merfugħha,
Qalbhom b'fidi f'Alla mtliet.

Kwadru ġdida għaliha fis ħallsu,
Xogħol Buhagiar il-pittur;
Marija fis-sema mtella'
Kwadru sbejjaħ, xogħol mirqum.

Il-Mostin, nies wisq ħawtiela
Issemmew għall-qoton fin;
Issemmew għax-xogħol tal-ġebla;
Mill-foħrija mhux sajmin.

Bnew il-knejjes ċkejkna, ċkejkna
Taż-Żejfi, dik ta' San Pawl;
F' Beżbeżija, f'Wied il-Għasel,
Knejjes oħra raw id-dawl.

Biex jiftakru f'xebba rżina
Li nħelset mill-Misilmin,
Knisja tellgħu lil Marija,
Tama' tagħna imsejkin.

Forsi l-egħżeż knisja fosthom
F'Wied il-Għasel din inbniet;
Hemm marbuta ġrajja magħha
Ta' Kurradu jgħix fis-skiet.

Meta xi Mostin brikkuni
Lill-qaddis riedu jgħalltuh,
Xebbiet ħadu ħalli jgħinhom;
Żgur fix-xkora idaħħluh!

Meta hu, ta' bniedem twajjeb
Mar biex jgħin lil dax-xebbiet,
L-irġiel daru għall imsejken;
B'ġebel naffru tul il-wied.

Xejn ma stagħġbu x'ħin Kurradu
Firex għaġġel il-mantell,
Rikeb fuqu, mar ma' l-ilma,
Ma rawx wiċċu, l-inqas dell!

Biss il-kotra ġewwa l-Mosta
Nies wisq twajba, nies għaqlin,
Nies mogħnija bl-ikbar fidi,
Poplu sewwa, niex beżlin.



**Il-propettiva ta' l-altar fil-knisja tal-Vizitazzjoni (Ta' Wejda) mibnija fl-1610**

Kienu jħobbu l-knisja tagħhom,
Lill-qassis, lill-kappillan,
Lill-Madonna tar-Rużarju;
Ruħhom kienet l-ewwel għan.

Qajla nsibu Mostin t'ilu
Li tal-ħażen bnew ħitan,
Bidlu 'l żwiegħom, warrbu 'l marthom,
Biegħu ruħhom lix-xitan.

Mhux bħal ħajja x'aktarx żienja
Li kienet tingħax fl-ibliet;
Raħal kwiet bħal dak tal-Mosta,
L-fama tiegħu ġriet u dwiet.

Hekk għaddew ħajjiet kemm waħda,
Għaddew sekli, għaddew snin,
Ta' San Ġwann l-irħieb setgħethom
Kienet niżlet, kienet tnin.

Fl-aħħar tat-tmintax-il seklu
Il-Franċiżi b'Napuljun
Ħadu 'l Malta taħt idejhom,
F'idejhom qabdu t-tmun.

F'ħakma ta' sentejn imċaħħda
Il-Maltin minn kollox raw;
Wara l-qawma kontra l-għadu
Daqqiet qalgħu daqs kemm taw.

Il-Mostin ukoll taw sehemhom,
Għenu biex iseħħ l-imblokk,
Fil-Minsija, f'naħiet oħra
Tqabdu kemm fil-lbiċ u x-xlokk.

Dun Feliċ Calleja għaref
Kappillan tal-Mosta kien,
Ma' Mikiel Bertis u Galea
Wettaq xogħol bil-wisq qalbien.

Mifnijin bil-ġuħ u l-għeja
Il-Franċiżi dlonk ċedew;
Ġew l-Ingliżi jaħkmu flokhom;
Ġrajjiet ġodda issa bdew.

Kemm fl-ibliet u kemm fl-irħula
Kmandi tlaħħqu mill-ħakkiem
Biex iħarsu l-liġi sewwa,
Ħa t-taħwid jasal fit-tmiem.

Ġianmari' Chetcuti tagħna
Ntagħżel sindku tal-Mostin;
Kien tat-tajjeb, kien kapaċi;
Ħaqq kien jagħmel mal-ħatjin.

Kollox deher sabiħ għall-ewwel
Tal-ħakkiema t-tmexxija,
Għajjurin wisq għal setgħathom
Fis ta' snienhom taw turija.

Ċaħħdu 'l Malta milli jkollha
Gvern Imtella' mill-Maltin,
Telqu l-Kmandi, għebu s-sindki;
Ħadu dehxa il-Mostin.

Sabu ruħhom f'rabta sħiħa
Man-Naxxar fl-isstes miżien
Karmnu Trapani mexxej tagħhom
Damu hekk għal tul ta' żmien.

Iż-żmien għadda; l-Mostin baqgħu
Jaħdmnu u jishru bla waqfien;
Mimlijin bil-fidi mqaddsa
Bdew iħarsu 'l quddiem.

Għalkemm mgħassra sew bil-faqar,
Bix-xogħol iebes, bin-nuqqas,
Telf fir-raba' mard u mxija,
Niket, dwejjaq, telf ir-ras

Waħħlu f'rashom knisja jibnu
Illi tisboq lill-oħrajn;
Dun Felic Calleja twajjeb
Jara magħhom għajn ma' għajn.

Tqabbad pjanta fis iħażżeż
L-arkitett Grongnet de Vasse;
Knisja komda, knisja tonda
B'sabar kbir bil-għaqal ħazz.

Dun Felic Calleja basar
Illi kollox ward u żahra,
Kemm jinġabru n-nies u l-flejjes,
Għal dan l-għan mill-ewwel mar.

Iżda kemm inkwiet inqala'
Sa mill-ewwel bidu nett!
L-isqof ried arkitett ieħor
Jagħmel pjanta flok Grongnet.

Kien hemm dawk li dubju kellhom
Kemm tassew setgħet issir
Knisja kbira, knisja tonda;
Ta' Grongnet iseħħ it-tir!

U ħallih l-arkitett Malti
Jfisser sewwa u bl-eżatt
X'kellu f'rasu, x'kellu f'moħħu,
Ħalq kulħadd mela u sadd.

Beda fl-aħħar ix-xogħol tiela',
Dun Felic ferħan miġnun,
Il-mewt iżda ġiet ħasditu
B'minġel tagħha sew misnun.

Gian Marija Schembri Mosti
Laħaq floku ragħaj tar-ruħ,
Intefa' għax-xogħol tal-bini,
Ma riedx jisma' b'għaks u ġuħ.

Il-Mostin ħġarhom madwaru;
Rġiel u nisa, żgħar u kbar
Kienu kollha għalenija;
Kellhom qalbhom xrar tan-nar.

Sibt u Hadd, ukoll fil-festi meddew
Għonqhom ħalli x-xogħol
Jibda jidher, malajr jitla',
Għaqda waħda kienu lkoll.

Min iġorr ġebel imdaqqas,
Min iħott xi karrettun,
Min igħarbel ix-xaħx sewwa,
Hemm min jaqbad xi baqqun.

Bieb bieb marru jiġbru l-flejjes
Wisq meħtieġa għat-tiswir
Ta' dat-tempju glorjuż tagħhom;
Flejjes kbar, spejjez bil-kbir.

Wara kważi tletin sena
Ta' xogħol iebes bla serħan,
Tlestiet fl-aħħar ir-Rotunda;
Raddew ħajr, kulħadd ferħan.

L-arkitett Grongnet wisq bravu
U l-imgħallem Mastr' Ang Gatt,
Raw xewqathom tinqatagħlhom;
Xogħolhom ma jintesa qatt.

Is-snin iebsa li ġew wara
l-elf tminn mija u sittin,
Raw titwettaq kemm-il opra
Fir-Rotunda tal-Mostin.

Pulptu, orgni u lampieri,
Statwi, qniepen u pittura,
Ħaġa ħaġa, naqra naqra,
Bdiet ukoll l-induratura.

Il-Mostin baqgħu li kienu
Sħaħ fil-fidi, qalbhom xrar;
Żdiedu fl-għadd, djar ġodda tellgħu;
Kien hemm min għas-safar mar.

Xi waħdiet kienu nies għonja,
Iżda l-kotra kienu fqar;
Biex isebbħu t-tempju tagħhom
Il-ħteġiet ħallew tad-dar.

Komplew jaħdmu r-raba' bagħli,
Baqgħu jonġru ħaġriet kbar,
Kabbru t-tjur, rabbew il-bhejjem,
Komplew jagħżlu it-tajjar.

Xi barrani beda jersaq
Lejn il-Mosta b'kull tifħir,
Wisq jistagħġbu li dawk niesna
Tellgħu koppla bla tagħmir.

Eqreb aktar snin lejn żmienna
Inbnew toroq, telgħu djar,
Fortizza inbniet qawwija,
Ħaddmet nies, xogħol ieħor sar.

Pontijiet ittellgħu jqasmu
Wied il-Għasel, wied sabiħ;
Saret eħfef mawra twila
Minn Valletta għal kull riħ.

Faqqgħet l-Ewwel Gwerra kbira,
Ġabet magħha qliegħ ta' flus;
Xi Mostin, bħal ħuthom l-oħra;
Kienu moħħhom fil-karus.

Bejn il-gwerrer bidliet saru
Ġewwa l-Mosta għall-aħjar,
Twaqqfu baned u każini,
Sbieħu t-toroq, sbieħu d-djar.



Il-Knisja ta' San Pawl Eremita f'Wied il-Għasel mibnija flok oħra fl-1656

Iż-żmien tgerbeb u inbidlu
Xi drawwiet qodma Mostin;
Tela' bini, in-nies tgħallmet
Ħwejjeġ sbieħ w anqas tajbin.

Feġġew nies għorrief u travi
Xi Chetcuti, demm sinjur,
Salvu Zahra, E.B. Vella,
Salamone l-monsinjur,

Anni Vella, Patri Fenech,
Camilleri wisq meqjum,
Mifsud Pawlu u oħrajn bħalu
Dawn u oħra mfakkra illum.

Il-Mostin bħall-Maltin sħabhom
Baqgħu vittmi t'imxijiet;
Daqqa pesta, daqqa ħożba,
Il-kolera ħajjiet swiet.

Kemm jekk tajba, kemm ħażina
Mxiet il-ħajja tal-Mostin;
Hemm u ferħ igħaddi kollu
Dik ix-xorti, dak destin!

Bdew jitwieldu għaqdiet ġodda
Ta' l-Azzjoni, tal-Leġjun,
Ta' l-Iscouts, tax-Xirka Mqaddsa,
Klabb infetaħ tal-ballun.

Ħajjet iżda l-Mostin ħutna
Ma tbiddlitx radikalment,
Tfal fit-triq baqgħu jilgħabu,
fqar jittalbu f'kull mument

Mogħoż u ngħaġ baqgħu jimirħu,
Tiġieġ jiġru, fit-triq trab;
Min isewwi, min isennen,
Min igħix moħħu fis-sħab;

Baqgħet xejn m'hi mgħaġġla l-ħajja,
Mhux bħal-lum kullħadd għafrid,
Maz-znuntier l-irġiel ipaċpċu
Fuq kull deni, fuq kull ġid.

Il-Mostin baqgħu bi ħġarhom
Nies tal-knsija, nies l-istess;
Forsi l-isbaħ jiem għalihom
Kienu l-festi tal-Kungress.

Tela' sħab sfiq u sewdieni,
Biddel ħajjet il-Mostin;
Faqqgħet gwerra wisq demmija,
Ġabet ħerba għall-Maltin.

Il-Mosta laqtitha sewwa,
Kienet qrib ta' mitjar kbir;
Mijiet sew indarbu,
Ntlaqat l-għani, sew il-fqir.

L-agħar li seħħ kien sew sew f'Marzu
Tad-dsatax u tnejn u erbgħin,
Instadd xelter, mietu kotra;
Krib u biki ma swew xejn.

Bombi laqtu l-knisja tagħna
Li b'miraklu ma ġġarrfux,
Nifdu l-koppla iżda ħsara
Kbira kbira ma' għamlux.

Wasal jum li l-Maltin kollha
Radd il-ħajr taw 'l Alla l-kbir;
Kien ħelishom minn jiem koroh,
Kien salvahom mit-twerwir.

In-nies żdiedu, in-nies tkattru,
Kien hemm bżonn ta' aktar djar.
Nfetħu toroq, oħrajn twessgħu,
Il-qadim ma damx ma tar.

Issa l-ħajja bdiet titbiddel
Kemm fit-tajjeb, fil-ħażin;
Nies imgħaġġla, nies mifxula
Mġenna jaħbtu ma' xulxin.

Twaqqfu skejjel, għaqdiet saru,
Nfetħu ġonna, inbnew djar;
Banek fetħu l-bibien tagħhom;
Kollox mexa għall-aħjar.

Kummerċ kbir fil-Mosta tagħna
Qed isir kuljum, kull ħin;
Ħwienet fetħu ġeġwiġija
Speċjalment mis-snin sittin.

Il-karrozzi jgħaddu mħarrba
Minn ġot-toroq nis-serbut;
Illum trid tara kif timxi
Jekk ma tridx fis bilgri tmut.



Il-Mosta, minn dejjem raħal,
Saret issa belt mill-kbar;
Refuġjati ġew bil-kotra;
Hemm minn baqa' hemm min mar.

Ħafna siefru, uħud lura
Lejn pajjiżhom fittxu ġew;
It-taħlit infirex sewwa,
Il-bidliet seħħew tassew.

Il-Mostin bi ħġarhom kollha
Tbewsu u tgħannqu ferħanin,
Miġburin fil-knisja tagħhom
Weġġgħu 'l Alla il-ħanin.

Wara l-gwerra bidliet oħra,
Bidlet kbar, taqlib mill-qiegħ
Seħħu f'Malta sa fil-Mosta;
Drawwiet qodma ġrew mar-riħ.

Hekk id-dinja; fiha t-tajjeb,
Wkoll insibu il-ħażin;
Jekk dan jgħodd għal Mosta kollha
Jgħodd għall-Mosta u l-Mostin.

Għandna nħarsu bi tbissima
Lejn ġejjieni aktar żgur;
Orizzonti sbieħ għalina
U għal uliedna tal-futur.

Għalkemm m'għadx il-poplu Mosti
Jaf bħal qabel il-ġirien,
għadu jħobb lill-knisja tiegħu;
Tixgħel qalbu bin-nirien.

U fil-festa ta' Marija
F'tifkiriet ta' ġrajjiet kbar,
Tara l-poplu ġabra waħda
Fir-Rotunda, l-kbar u ż-żgħar.